KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 24(kontinwazzjoni 3)** **IS-SITT KUNSILL**

L-erbgha u ghoxrin seduta (kontinwazzjoni 3) tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-**Gimgha 10 ta' Dicembru, 2010** fil-5.42 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Bobby Cali, Edward Cuschieri, Julian Galea, Patrick Pace (***6.31***).

**SKUŻATI**

Il-Kunsillier Sandra Camilleri (minhabba mard) u Martin Debono (minhabba safar).

**ASSENTI**

Il-Kunsilliera Nikki Dimech, ~~Nicolai Gauci~~.

**UFFIĊĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi u l-*Assistant Principal* Graziella Enriquez.

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 24 (KONTINWAZZJONI 3)**

Is-Sindku Johanna Gonzi ppresediet il-laqgha.

Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill unanimament qabel li jkompli jiddiskuti issa *item* numru sebgha (7) tal-aġenda.

## 24.7 Komunikazzjoni mis-Sindku

24.7.1 Is-Sindku qalet li waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru, il-Kunsill qabel li terga' tinhareg sejha ghal kwotazzjonijiet ghal *gazebos/log cabins* armati b'tizjin tal-Milied bin-numru SLC/Q/583/2010/03, kif ukoll sejha ghal kwotazzjonijiet ghal kiri u tindif ta' erba' (4) mobile public conveniences, liema sejhiet ghal kwotazzjonijiet gew mitluba b'konnessjoni mal-**attivita tal-Milied**.

***SLC/Q/583/2010/03 - Provision, Delivery, Erection and Dismantling of Log Cabins***

24.7.2 Ġew ippreżentati tliet kwotazzjonijiet. ***"DOK A1" sa "DOK A3" annessi mal-minuti.***

24.7.2.1 Il-Kunsill iddiskuta l-kwotazzjonijiet sottomessi.

24.7.2.3 Il-Kunsillier M. Aquilina qalet li l-prezz propost fil-kwotazzjoni mitfugha mill-kumpanija *Leon Promotions* kien iktar vantaggjuz, kif ukoll qalet li jista' jkun ta' vantagg il-fatt li l-Kunsill diga xtara servizzi ohra minghand l-istess kumpanija ghall-attivita tal-Milied.

24.7.2.4 Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-servizz jinxtara minghand il-kumpanija *Leon Promotions*. Il-Kunsillier M. Aquilina ssekondat.

24.7.2.2 Il-mozzjoni ghaddiet b' sitt (6) voti favur.

***SLC/Q/447/2010/01 – Hiring and daily cleaning of four (4) mobile public conveniences***

24.7.3 Ġew ippreżentati zewg kwotazzjonijiet. ***"DOK B1" u "DOK B2" annessi mal-minuti.***

24.7.3.1 Il-Kunsill iddiskuta l-kwotazzjonijiet sottomessi.

24.7.3.2 Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-servizz jinxtara minghand il-kumpanija *Clean Masters Co Ltd* minhabba li l-prezz kien iktar vantaggjuz. Il-Viċi Sindku ssekonda.

24.7.3.3 Il-mozzjoni ghaddiet b' sitt (6) voti favur.

24.7.4 Is-Sindku ppproponiet li l-Kunsill japprova l-pagament f'isem il-contracts manager tal-Kunsill, is-Sur Philip Chircop.

24.7.4.1 Il-Kunsill qabel unanimament li dan il-pagament għandu jinħareġ.

24.7.5 Is-Sindku ressqet ghad-diskussjoni żewġ kwotazzjonijiet ghal tindif ta' *culverts*.

**24.7.5.1** Il-Kunsill qabel unanimament illi għandha tintagħżel il-kwotazzjoni tas-Sur Tony Aquilina minhabba li hija irħas kif ukoll minħabba li l-Kunsill Tas-Sliema għandu *tender* mas-Sur Aquilina għal *maintenance works* fit-toroq u l-bankini f'Tas-Sliema. ***"DOK C1" u "DOK C2" annessi mal-minuti.***

**24.7.6** Is-Sindku ressqet għad-diskussjoni tlett kwotazzjonijiet għal xiri ta' *driller.*

**24.7.6.1** Il-Kunsillier J Galea ppropona li ghanda tintaghzel id-ditta Stoltz kemm ghaliex hija irhas kif ukoll ghax id-driller maghzul ghandu jkun bizzejjed ghal bzonnijiet tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel unanimament favur din l-ghazla. ***"DOK D1" sa "DOK D3" annessi mal-minuti.***

**24.7.7** Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza dwar id-*domain* u l-*hosting* tal-websajt tal-Kunsill li kienu skadew. Il-Kunsill qabel unanimament illi l-*website domain* u l-*hosting* tas-sit jiġu mġedda għal sena oħra għal prezz ta' €606.59 (esklużil-VAT). ***"DOK E1" anness mal-minuti.***

**24.7.8** Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza mill-AKL dwar it-tiġdid tal-Assikurazzjoni tal-Flus. Il-ħlas għas-sena 1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru, 2011 se jkun ta' €63.00. Il-Kunsill qabel unanimament illi l-assikurazzjoni tiġi mġedda. ***"DOK F1" anness mal-minuti.***

**24.7.9** Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza dwar it-tiġdid tal-assikurazzajoni tal-vann tal-Kunsill għal valur ta' €634.82 li jinkludi assistenza mill-MET u l-licenzja tat-triq. Il-Kunsill qabel unanimament illi l-assikurazzjoni tiġi mġedda. ***"DOK G1" anness mal-minuti.***

**24.7.10** Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill offerta għax-xiri tal-ilma minn għand il-kumpanija Eco Pure. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jinxtara dan is-servizz mingħand il-kumpanija Eco Pure minħabba li diġa qiegħed juża s-servizz ta' din il-kumpanija.

**24.7.11** Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mibgħuta minn sid ta' gabbana f'Fond Għadir li qed jitlob permess biex jagħmel xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq l-imsemmija gabbana.

24.7.11.1 Il-Kunsill unanimament ma sab l-ebda oġġezzjoni bil-kundizzjoni li sid il-gabbana jkollu l-permessi kollha meħtieġa u l-Kunsill ma jidħolx fl-ebda spiża.

24.7.12 Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mibgħuta mingħand il-*Lions Club* li qed jitolbu l-permess tal-Kunsill biex ipoġġu kaxxa għan-nuċċalijiet użati għar-riċiklaġġ fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

24.7.12.1 Il-Kunsill qabel unanimament ma' din it-talba.

24.7.13 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat illi l-amministrazzjoni għamlet ezercizzju għall-immanigjar aħjar tal-marki tat-toroq tal-lokalita. Spjegat illi Tas-Sliema giet maqsuma fi 12-il żona.

24.7.13.1 Is-Segretarju pprezentat lista taz-zoni u t-toroq rispettivi li jaqaw taħtom.

24.7.13.2 Saret diskussjoni dwar liema zoni għandhom jigu ffriskati

24.7.13.3 Il-Kunsil qabel b'mod unanimu li l-iffriskar tas-sinjali tat-toroq għandu jibda minn żona 4 u żona 10 rispettivament u li għandha titqabbad il-koperattiva KOPTASIN, liema koperattiva diga qed topera Tas-Sliema permezz ta' tender. ***"DOK H1" anness ma' dawn il-minuti.***

24.7.14 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mibgħuta mill-Bord tal-Gvernanza dwar it-talba tas-Sur Joe Morana.

24.7.14.1 Is-Sindku qalet li t-talba tas-Sur Joe Morana kienet diga giet diskussa waqt laqgħa li l-Kunsill kellu ix-xahar ta' qabel mas-Sliema Residents Assocaiation u mas-Sur Morana. Is-Sindku qalet ukoll li l-Kunsill kien diga ħa decizjoni li japplika għal progett permezz ta' programmi ta' fondi Ewropej, liema progett kellu l-għan li jkun ta' monitoragg għall-inkwinament tal-arja.

24.7.15 ***Daħal il-Kunsillier P. Pace għas-seduta fis-6.31 ta' filgħaxija***

24.7.16 F'dan l-istadju s-Sindku ppropooniet li l-Kunsill jagguddika tlett sejħiet għall-kwotazzjonijiet li dehru fil-Gazzetta tal-Gvern tal-5 ta' Novembru u t-23 ta' Novembru 2010 u fil-Malta Independent tal-10 ta' Novembru u tal-25 ta' Novembru 2010 kif gej:

24.7.16.1 Il-Kunsill unanimament qabel ma din il-proposta.

**SLC/Q/209/2010 – Supply of Local Council staff uniforms**

| | |
|---|---|
| 24.7.17 | Ġew ippreżentati zewg kwotazzjonijiet. ***"DOK I1" sa "DOK I5" annessi ma' dawn il-minuti.*** |
| ***24.7.17.1*** | Il-Kunsill iddiskuta l-kwotazzjonijiet sottomessi. |
| ***24.7.17.2*** | Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-servizz jinxtara minghand il-kumpanija *Jon David Ltd* minhabba li l-prezz kien iktar vantaggjuz u minhabba li l-kwotazzjoni mitfugha kienet l-iktar wahda li tqarreb lejn il-kriterji mitluba mill-Kunsill. Il-Viċi Sindku ssekonda. |
| ***24.7.17.3*** | Il-mozzjoni ghaddiet b' sebgha (7) voti favur. |

***SLC/Q/213/2010 – Leasing of a photocopier***

| | |
|---|---|
| 24.7.18 | Ġew ippreżentati seba kwotazzjonijiet. ***"DOK J1" sa "DOK J7" annessi ma' dawn il-minuti.*** |
| ***24.7.18.1*** | Il-Kunsill iddiskuta l-kwotazzjonijiet sottomessi. |
| ***24.7.18.2*** | Fuq proposta tal-Kunsillier Julian Galea, il-Kunsill qabel unanimament li s-servizz jinxtara minghand il-kumpanija Advanced Telecommunications Systems Co Ltd minħabba li l-prezz kien iktar vantaggjuz. Il-Kunsillier Y. Cali ssekonda. |
| ***24.7.18.3*** | Il-mozzjoni ghaddiet b' sebgha (7) voti favur. |

***SLC/Q/581/2010 - Proviżjoni ta' Trasport għall-Attivitajiet Kulturali***

| | |
|---|---|
| 24.7.19 | Ġew ippreżentati tlett kwotazzjonijiet. ***"DOK K1" sa "DOK K3" annessi ma' dawn il-minuti.*** |
| ***24.7.19.1*** | Il-Kunsill iddiskuta l-kwotazzjonijiet sottomessi. |
| ***24.7.19.2*** | Fuq proposta tal-Kunsillier Julian Galea, il-Kunsill qabel unanimament li s-servizz jinxtara minghand il-kumpanija Paramount Garages minħabba li l-prezz kien iktar vantaggjuz. Il-Kunsillier E. Cuschieri ssekonda. |
| ***24.7.19.3*** | Il-mozzjoni ghaddiet b' sebgha (7) voti favur. |

24.7.20 Is-Sindku ressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mibghuta mis-Superjur tal-Mużew tas-subien tal-Gżira li qed jitlob permess biex issir purċissjoni bil-Bambin f'Tas-Sliema. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għall din it-talba.

24.7.21 Is-Sindku ressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mibghuta mill-għaqda "Gift of Life" li permezz taghha qed jintalab permess biex issir Sponsored Walk nhar is-Sibt 6 ta' Frar f'Tas-Sliema. Il-Kunsill qabel unanimament illi dan il-permess jinħareg.

24.7.22 Is-Sindku ressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni ghax-xiri ta' djarji għall-impjegati tal-Kunsill u ghall-Kunsilliera. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ghandhom jinxtraw ghoxrin (20) djarju għall-prezz totali ta' Eur87.08. ***"DOK L1" anness ma' dawn il-minuti.***

24.7.23 Is-Sindku ressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mibghuta minghand il-Perit Lara Demicoli minn Transport Malta bir-referenza *59/TM/10/23*, li talbet il-kummenti tal-Kunsill dwar talba għall-"Communal Blue Sticker Badge Holders only parking" fi Triq il-Katidral, Tas-Sliema. Wara diskussjoni ġie deċiż illi din ma tiġix aċċettata u f'laqgħa oħra jigi diskuss fejn jistgħu jsiru dan it-tip ta' *reserved parking bays.*

24.7.24 ***Is-Sindku tablet li tigi skuzata mil-laqgha minhabba impennji ta' xoghol.***

24.7.25 Il-Vici Sindku ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mibghuta minghand Transport Malta bir-referenza *59/TM/10/26*, għall-kummenti tal-Kunsill dwar talba tal-Astra Hotel, li tinsab fi Triq Graham, Tas-Sliema biex tiġi implimentata un/loading bay quddiemha. Il-Kunsill ddeċieda li jikteb lill-lukanda u jitlob d-data ta' meta għandha tinfetaħ il-lukanda u n-numru ta' sodod li se jkollha, qabel ma tintbaghat ir-risposta lit-TM.

24.7.26 Il-Vici Sindku ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mibghuta minghand il-Perit Susanne Bonello mit-Transport Malta bir-referenza *59/TM/10/21*, fejn talbet il-Kunsill għall-kummenti dwar talba għall-permess għal Alighting/Boarding signs biex jiġu implimentati fil-ħinijiet tal-ftuħ u tal-egħluq ta l-iskola minn għand l-iskola New Ark. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba.

24.7.27 Il-Vici Sindku ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mibghuta minghand il-Perit Susanne Bonello mit-Transport Malta bir-referenza *59/TM/10/25*, fejn qalet illi ma kien qatt inħareġ permess għall-5 mins parking space li hemm fi Triq Imrabat, Tas-Sliema, u talbet għall-

kummenti tal-Kunsill. Wara diskussjoni il-Kunsill iddeċieda illi dawn is-sinjali għandhom jitneħħew u minnflok jinżebgħu parking bays.

24.7.28 Il-Viċi Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mibgħuta mingħand il-Perit Susanne Bonello mit-Transport Malta dwar talba għal-reserved parking space quddiem banka tal-lottu ġdida li se tiftaħ fi Triq Ġorg Borg Olivier, Tas-Sliema. Wara diskussjoni l-Kunsill iddeċieda li din ir-reserved parking għandha tinżebaħ meta l-banka tal-lottu tinfetaħ u mhux qabel.

24.7.29 Il-Viċi Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mibgħuta mingħand is-sidien ta' *Antica Pasticceria Siciliana*, li jinsabu fi Triq in-Nazzarenu Tas-Sliema, li qed jitolbu għall-permess ta' loading/unloading area fit-triq faċċata tal-ħanut tagħhom. Il-Kunsill m'aċċettax din it-talba.

24.7.30 Il-Viċi Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mibgħuta mingħand il-Perit Susanne Bonello mit-Transport Malta bir-referenza TM11/26/09, li qed titlob il-kummenti tal-Kunsill dwar ittra li rċiviet mingħand is-Sur Camilleri, li qed jipproponi li fuq il-bankini fejn ikun hemm rampi, tinżebaħ parti b'żebgħa 'highlighted' minħabba persuni li huma neqsin mid-dawl. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal-dan sakemm iż-żebgħa li tintuża ma tkunx tiżloq.

24.7.31 Il-Viċi Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mibgħuta mingħand is-Sur Abdul Aziz Garbua, sid l-*Oriental Restaurant* li jinsab fi Triq Parisio Sliema li permezz tagħha qed jinforma lill-Kunsill li ħariġlu permess għal imwejjed u siġġijiet quddiem il-ħanut tiegħu mill-awtoritajiet kompetenti u li permezz tagħha qed jitlob il-permess tal-Kunsill biex ikun jista' jqiegħed tali mwejjed u siggijiet fuq il-bankina. Il-Kunsill iddeċieda illi la diga ngħata permess mill-awtoritajiet kollha l-Kunsill joħroġ il-permess bil-kundizzjoni illi ma jkunx ta' xkil għall-wheelchairs/pushchairs.

24.7.32 Il-Viċi Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mibgħuta mingħand l-AKL dwar talba għal permess biex jitwaħħlu *noticeboards* biex jintużaw mill-MEPA. Il-Kunsill qabel li għandha titpoġġa noticeboard waħda ħdejn dik tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali fi Triq Depiro.

24.7.33 Il-Vici Sindku ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mibghuta mingħand is-Sur Publius Cutajar, li qiegħed jitlob għall-permess formali biex jarma x-Xatt b'ħelu tradizzjonali. Il-Kunsill iddeċieda li ma jsib l-ebda oġġezzjoni sakemm jinbeda l-progett tax-Xatt.

24.7.34 Il-Vici Sindku ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mibghuta mingħand is-Sur Lawrence Borg minn San Gwann, li qiegħed jitlob permess biex jbiegħ *costume jewellery* ix-Xatt. Il-Kunsill ħa deċiżjoni li din it-talba m'għandiex tintlaqa'.

24.7.35 Il-Vici Sindku ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mibghuta mingħand l-AKL dwar talba għall-permess ta' *mobile kiosk*. Dan il-kiosk kellu jkun żarmat sa Ottubru 2010. Il-Kunsill qabel li għandu jkun ivverifikat jekk fil-fatt, dan il-*kiosk* tneħħiex.

24.7.36 Il-Vici Sindku ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mibghuta mingħand xi residenti ta' Qui-Si-Sana, li qed jilmentaw dwar il-*loading/unloading area* li ġiet mogħtija lill-121 Interiors fi Triq Dragut u li permezz ta' din il-*loading/unloading area* ttieħdu żewg *parking spaces.* Wara diskussjoni, ġie deċiż illi ghandha tintbaghat ittra lit-Transport Malta biex din il-loading/unloading area titneħħa.

24.7.37 Il-Vici Sindku ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mibghuta mingħand xi residenti tal-blokk tal-flats ta' Imperial Court, Nazzarenu Court u Depiro Flats li għandhom garaxx fi Triq in-Nazzarenu, Sliema, u li qed isibu problema biex jidħlu/joħorġu minn ġo fih minhabba li jipparkjaw il-vetturi faċċata tiegħu. Qegħdin jissuġġerixxu li l-bankina li hemm faċċata tal-garaxx titwessa biex il-vetturi ma jkunux jistgħu jipparkjaw. Il-Kunsill ma qabilx ma dan is-suggeriment pero se jkellem lill-gwardjani lokali biex jagħmlu *patrol* regolari taż-żona msemmija.

24.7.38 Il-Vici Sindku ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mibghuta mingħand is-Sur Franco Naudi rapprezentant ta' Active Enterprises, li qiegħed jitlob permess għall-aktar advertising barriers. Il-Kunsill ma laqgħax din it-talba.

24.7.39 Il-Vici Sindku ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill kont u ittra mibghuta mingħand is-Sur Anthony Critien resident fi' Triq Rudolfu, li fi żmien meta kienet saret it-triq kienu sarulhu xi ħsarat fir-residenza tiegħu u l-Kunsill ta' dak iż-żmien qallu biex jagħmel ix-xogħlijiet u jibagħ il-kont. Il-Kunsill qabel li la kien hemm diġa deċiżjoni tal-Kunsill dwar dan il-każ il-pagament għandu joħroġ.

24.7.40 Il-Vici Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mibgħuta mingħand is-sid tal-ħanut *Trading Post* li jinsab fi Triq Ġorg Borg Olivier Tas-Sliema, li qed jitlob permess għall-*loading/unloading area* quddiem l-imsemmi ħanut. Il-Kunsill ma laqgħax din it-talba.

24.7.41 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment minn residenti tal-inħawi ta' Pjazza tal-Lunzjata, dwar il-monti li suppost jarma kull nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Gimgħa u li għandu riservat il-parkeġġ ta' nofs il-pjazza għall nofs ta' nhar sħiħ f'dawn il-granet.

*24.7.41.1* Is-Segretarju Ezekuttiv qalet illi residenti qed jilmentaw illi fil-post imsemmi mhux qed ikun hemm iktar minn tnejn jew tlett bejjiegħa u għalhekk ma jarawx l-uzu li jkun hemm dan l-ammont ta' parkegg riservat għalihom.

*24.7.41.2* Is-Segretarju Ezekuttiv qalet illi sar rapport mill-*contracts manager* tal-Kunsill li juri kemm ikun hemm bejjiegħa armati fil-granet imsemmija.

*24.7.41.3* Peress illi minn dan ir-rapport joħrog ċar illi dejjem kien hemm minn tnejn sa tlett bejjiegħa biss li jarmaw, il-Kunsill unanimament qabel li għandha tintbagħat ittra lid-Dipartiment tat-Trade Licenses biex jinżamm biss il-parkeġġ ta' bejn il-Każin tas-Socjeta Filarmonika Stella Maris u Triq il-Lunzjata għall-bejjiegħa. Il-kumplament, jiġifieri bejn il-każin imsemmi u Triq San Vincenz għandu jerġa jsir parkeġġ għall-vetturi.

10 **Affarijiet Oħra**

24.10.1 Il-Vici Sindku talab li l-Kunsill għandu jibgħat ittra lit-Transport Malta biex ikollu lista aġġornata ta' *reserved parking* tal-persuni b'diżabilita f'Tas-Sliema.

24.10.2 Il-Kunsillier J. Galea ppropona li fi Triq Censu Xerri, ħdejn id-distellerija l-antika, jizdied il-parkeġġ. Kien hemm qbil unanimu dwar dan u għanda tintbagħat ittra lit-Transport Malta.

24.10.3 Il-Kunsillier E. Cuschieri qal li hemm siġra fuq il-bankina fi Pjazza Tal-Lunzjata kantuniera ma Triq Llunzjata, li qiegħda tostakola l-bankina. Il-Kunsiller Cuschieri talab biex jittieħdu l-passi neċessarji biex jiġi mneħħi dan l-inkonvenjent.

24.10.4 Il-Kunsillier E. Cuschieri qal li hemm parkeġġ riservat fi Triq Santa Marija li kien awtorizzat lis-Sur Mangion li dan issa miet. Il-Kunsillier Cuschieri talab illi jittieħdu l-passi neċessarji biex dan il-parkeġġ riservat jitneħħa.

**24.10.5** Il-Kunsillier E. Cuschieri qal li fi' Pjazza tal-Lunzjata hemm *scaffolding* li mhuwiex magħluq sew. Il-Kunsillier Cuschieri talab illi jittieħdu l-passi neċessarji biex dan l-i*scaffolding* jingħalaq sew.

**24.10.6** Il-Kunsillier E. Cuschieri qal illi l-ħanut *Snoopy*'s fi Triq it-Torri qiegħed ipoġġi sufan fuq il-bankina. Il-Kunsillier Cuschieri qal li l-Kunsill għandu jieħu l-passi neċessarji jekk sid il-ħanut m'għandux il-permessi meħtiega.

**24.10.7** Il-Viċi Sindku qal li wara li attakkaw mara fi Pjazza Dingli l-Kunsill għandu jara l-possibilita li jintroduċi n-neighbourhood watch. Wara diskussjoni, il-membri li kienu fil-Kunsill ma' qabel qalu li din ma-tammontax qabel. Il-Kunsillier J. Cole ipproponi li jitpoġġew mobile cameras ~~f'din~~ ~~[illegible]~~ -triq. Il-Viċi Sindku qabel mal-proposta u żied li għandu jkun verifikat fil-liġi. ~~jitpoġġew mobile cameras f'din it-triq kif ukoll għandu verifikat il-liġi x'tgħid dwar l-uzu ta' dawn il-cameras.~~

Is-seduta ntemmet fit-8.35 ta' filgħaxija.

**Is-seduta 24** ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 14 ta' Diċembru, 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2011.
(jum) (data) (xahar)